**130. IL-VIĊI PRIM MINISTRU U MINISTRU U MINISTRU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN jipproponi:-**

Illi l-Kamra tapprova din ir-Riżoluzzjoni :

Billi hija l-politika tal-Gvern li jippromowovi l-isport kif ukoll is-sehem fil-qasam soċjali ta' għaqdiet volontarji, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti proprjetajiet lil *Clubs* u Assoċjazzjonijiet ta' l-I*sports*, l-i*Scouts* u l-*Girl Guides*, b'titlu ta' ċens temporanju jew kera, il-proprjetajiet kif inhuma deskritti aħjar fl-abbozzi ta' ftehim imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien, biċ-ċens jew kera, u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozzi;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-sub-artiklu (1) tal-artiklu 3 ta' l-Att Nru XXXIII tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferimenti fuq imsemmija jsiru skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi:-

(i) Il-proprjetajiet li jinsabu :-

1. Art f'Pembroke (Melita Football Club)

2. Art f'Kordin (The Malta Girl Guides Association)

3. Żewġ ħwienet fi Triq il-Gżira, Gżira (Malta Girl Guides Association)

4. Art f'Ħal-Qormi (Qormi Clay Shooting Club)

5. Football Pitch u kmamar f'San Ġwann (San Ġwann Football Club)

6. Kumpless u clubhouse f'Marsalforn (Otters Aquatic Sports Club)

7. Ground tal-Football, pitch u kmamar f'Ħaż-Żebbuġ (Żebbuġ Rangers Football Club)

8. Estensjoni għal Clubhouse (Exiles Sports Club - W.P.)

9. Kumpless u clubhouse f'Buġibba (Bogner Beach Aquatic Sports Club)

10. Clubhouse u boċċi pitch fil-Mosta (Mosta Boċċi club)

11. Clubhouse u boċċi pitch f'Marsascala (Marsascala Boċċi Club)

12. Clubhouse u boċċi pitch f'Ħal Qormi (Klabb tal-Boċċi San Sebastjan)

13. Clubhouse u boċċi pitch f'Santa Lucija (Santa Lucija Boċċi Club)

14. Bini u art f'Birżebbugia limiti ta' Ħal-Far (Southern Shooting Club)

15. Basketball court u kamra fis-Siggiewi (Siggiewi Basketball Club)

16. Art f'Casal f'Paola (Paola Wolves Sports Club)

kif deskritti aħjar fl-abbozzi tal-ftehim li jinsabu fuq il-Mejda tal-Kamra jiġu mogħtija b'titlu ta' ċens temporanju lill-*Clubs*, Assoċjazzjonijiet, l-i*Scouts* u l-*Girl Guides* hawn fuq imsemmija għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozzi.

(ii) Il-proprjetajiet li jinsabu:-

1. Clubhouse fir-Rabat, Għawdex (Victoria Hotspurs Football Club)

2. Football Ground u Dressing rooms fil-Gudja (Gudja United Football Club)

3. Fortizza fil-Mellieħa (Mellieħa Scout Group)

4. Kumpless tal-isport fil-Ħamrun (Ħamrun Spartans Football Club)

5. Clubhouse u boat storage rooms fil-Floriana (Vikings Sailing Club)

6. Clubhouse u boat storage rooms fil-Birgu (Vittoriosa Regatta Club)

7. Ground tal-Football, Tennis Court u kmamar fil-Marsa (Marsa Football Club)

8. Il-Kumpless tal-Pixxina f'Marsascala (M'Scala Sports Club)

kif deskritti aħjar fl-abbozzi tal-ftehim li jinsabu fuq il-Mejda tal-Kamra jiġu mikrija lill-*Clubs*, Assoċjazzjonijiet, l-i*Scouts* u l-*Girl Guides* hawn fuq imsemmija għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozzi.

3.06.04

**Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ippropona din l-emenda:- (Withdrawn)**

"Illi fil-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika favur l-Otters Aquatic Sports Club fit-tieni paġna, il-kliem "u mingħajr l-arja tagħha li sejra tibqa' *public terrace*" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "u mingħajr l-arja tagħha li sejra tibqa' *public terrace*, u soġġetta għal passaġġ favur il-pubbliku"; u

Illi fil-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika favur is-Siġġiewi Basketball Club il-kliem "elfejn lira" f'paragrafu 1, għandu jiġi sostitwit bil-kliem "mitejn lira".

**Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ippropona din l-Emenda:- (Carried)**

"Illi fil-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika favur l-Exiles Sports Club – W.P., minnufih qabel l-aħħar paragrafu ta' l-istess att, għandu jiġi introdott il-paragrafu segwenti:-

"L-istess partijiet, filwaqt li jirreferu għall-att, fl-atti tan-Nutar Joseph Debono tat-22 ta' Diċembru 1997, u speċifikatament għall-paragrafu (3) ta' l-ewwel paġna li jispeċifika li l-konċessjoni kienet "sa għoli ta' seba' (7) metri 'l fuq mil-livell tal-baħar", qiegħda ssir korrezzjoni fis-sens li dan kellu jaqra "sa għoli ta' mhux aktar minn ħdax-il (11) metru mil-livell tal-baħar". Il-partijiet bis-saħħa ta' dan l-att jagħtu effett u forza legali għal din il-korrezzjoni li hi bla ebda konsiderazzjoni finanzjarja ulterjuri.".".

28.06.12